MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1033/2002

**APS Bank Limited.**

**-vs-**

**Paul Pace u martu Maria Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2002 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi permezz ta' zewg kuntratti t-tnejn datati ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) fl-atti tan-Nurtar Joseph Tabone (Dok A u B), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet ta' overdraft u self lill-konvenuti 'in solidum'.

Illi l-bilanc dovut llum mill-konvenuti l' is-socjeta' attrici skond l-imsemmija facilitajiet ta' overdraft u loan jammonta ghas-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u disgha u sebghin Lira u tmintax il-centezmu (Lm6,279.18) dovuti kwantu ghas-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sittin Lira u sebgha centenzmi (Lm1,868.07) bhala bilanc ta' debitu ta' overdraft account numru 1194231010 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta' tlett elef disgha mija u sebghin Lira u tmienja u disghin centezmu (Lm3,970.98) bhala bilanc ta' debitu ta' loan account numru 11946232016 (Dok D), u kwantu ghas-somma ta' erba' mija u erbghin Lira u tlettax il-centezmu (Lm440.13) bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti numru 11946230025, oltre l-interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm debitament interpellati biex jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti, 'in solidum' bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u disgha u sebghin Lira u tmintax il-centezmu (Lm6,279.18) dovuti kwantu ghas-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sittin Lira u sebgha centenzmi (Lm1,868.07) bhala bilanc ta' debitu ta' overdraft account numru 1194231010 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta' tlett elef disgha mija u sebghin Lira u tmienja u disghin centezmu (Lm3,970.98) bhala bilanc ta' debitu ta' loan account numru 11946232016 (Dok D), u kwantu ghas-somma ta' erba' mija u erbghin Lira u tlettax il-centezmu (Lm440.13) bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti numru 11946230025, oltre l-interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti 'in solidum' bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' ta' sitt elef mitejn u disgha u sebghin Lira u tmintax il-centezmu (Lm6,279.18).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 17 ta' Mejju, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti 'in solidum' mil-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici APS Bank Limited mahlufa minn Louise Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-Avukat u x-xhieda tal-Bank attur.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata fis-seduta tallum 13 ta' Frar, 2004.

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-Bank attur kif dedotta fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti 'in solidum' ihallsu s-somma ta' sitt elef mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm6,129.18) lill-Bank attur, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 17 ta' Mejju, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-**

**interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------